MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1016/2010

**Avukat Dottor Luigi Sansone LL.B. (Hons), LLD., bhala mandatarju specjali ta' The Gillette Company, socjeta` estera organizzata taht il-ligijiet tal-Istat ta' Delaware fl-Istati Uniti tal-Amerika u b'indirizz ta' Prudential Tower Building, Boston, Massachusetts 02199, Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u P.L. Luisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil AL ZWETINA SHIPPING, ta' A/C NORTH AFRICA SHIPPING, EL NASR ST. OPPOSITE TO PROTOCOL MINISTRY TRIPOLI, Fil-Libya b'digriet tal-24 ta Novembru 2010**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-attur nomine tat-8 ta’ Ottubru 2010 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta’ attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ prodotti ghat-tqaxxir tal-generi *razors*, *razor blades* u *shaving instruments* tal-marka “GILLETTE”, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* registrati li jkopru dan in-negozju taghha;

2. Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha “GILLETTE”, “GILLETTE MACH 3” u “MACH3”, u dawn dwar prodotti ghat-tqaxxir tal-generi *razors*, *razor blades* u *shaving instruments*;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrati f’isimha t-*trademarks* Komunitarji (CTM) bin-numri 006665319 “GILLETTE” [kelma, b’effett mit-tlettax (13) ta’ Frar elfejn u tmienja (2008)], 000949271 “GILLETTE MACH 3” [kelma u numru, b’effett f’Malta mill-ewwel (1) ta’ Mejju elfejn u erbgha (2004)], 000803833 “MACH3” [figurattiva, b’effett f’Malta mill-ewwel (1) ta’ Mejju elfejn u erbgha (2004)], kif ukoll it-*trademarks* irregistrati f’Malta “GILLETTE” [kelma, numru 16668, b’effett mit-tnejn (2) ta’ Mejju elf disgha mija hamsa u tmenin (1985)] u “MACH3” [figurattiva, numru 28534, irregistrata b’effett mis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ April elf disgha mija tmienja u disghin (1998)], u dawn kollha f’kull kaz *inter alia* dwar prodotti komprendenti dawk ghat-tqaxxir tal-generi *razors*, *razor blades* u *shaving instruments*;

4. Illi s-socjeta’ attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-*Council Regulation (EC) No. 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights* u tal-Att

Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erbgha mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikoli ghaxra (10), tnejn (2) subartikolu wiehed (1.) paragrafu (a), sittax (16) u sbatax (17) tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003* fost ohrajn, u taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a), u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414 fost ohrajn;

5. Illi recentement, waqt skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kap. 414 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* CMAU 0195695 kontenenti fost ohrajn prodotti ghat-tqaxxir tal-generi *razors*, *razor blades* u *shaving instruments* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "Gillette" u "MACH3", u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*), in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

6. Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fid-disgha (9) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll kampjuni tal-istess, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT WAYBILL NON NEGOTIABLE* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*CONSIGNEE* hemm indikat AL ZWETINA SHIPPING, *A/C NORTH AFRICA SHIPPING, EL NASR ST. OPPOSITE TO PROTOCOL MINISTRY TRIPOLI LIBYA*;

7. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox erbgha mija tnejn u tletin (432) prodott ghat-tqaxxir tal-generi *razors*, *razor blades* u *shaving instruments* oltre ghall-pakketti u l-kaxxi relattivi, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici stante li oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafi numri erbgha (4) u hamsa (5) ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli disgha (9) subartikolu wiehed (1.) paragrafi (a) u (b), erbatax (14) u mija u tnejn (102) tal-*Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark* u kif ukoll dawk tar-regolament numru disgha (9) tal-avviz legali mitejn u tlieta u tletin (233) tal-elfejn u tlieta (2003) kif emendat, u tal-artikoli ghaxra (10) u erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att tal-elfejn (2000) Dwar it-*Trademarks* [Kapitolu erbgha mija u sittax (416) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta];

8. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sat-tmienja (8) ta' Ottubru elfejn u ghaxra (2010) inkluz sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

9. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi prodotti ghat-tqaxxir (*razors* u *razor blades*) gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "Gillette" u "MACH3", u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* CMAU 0195695 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez 'l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. L;

Rat id-digriet tal-24 ta' Novembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tas-27 ta' Jannar 2011 fejn ecceppew:

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntatjaw lis-socjeta' intimata Al Zwetina Shipping ta' A/C North Africa Shipping El Nasr Street, Opposite to Protocol Ministry, Tripoli, Libja pero sal-lum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti ta' kaz.

Ghaldaqstant f'kaz li jirrnexielhom jaghmlu kuntatt jirriservaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma tas-17 ta' Frar 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li ddikjara li ma ghandux aktar provi. Deher ukoll Dr. Cedric Mifsud bhala kuratur deputat li rrimetta ruhu ghall-atti tal-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 24 ta' Frar 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-marki "GILLETTE", "GILLETTE MACH 3" u "MACH3" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks skond Dok. B sa F annessi ma' l-istess senjatament dawk komunitarji bin-numri 006665319, 000949271, 000803833 u dawk ta' Malta bin-numri 16668 u 28534.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. L) li taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru CMAU 0195695 li dahal fuq il-vapur CMA CGM PUCCINI fit-30 ta' Awwissu 2010 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'erba' mija u tnejn u tletin (432) prodott ghat-tqaxxir tal-generi kollha bil-marka "GILLETTE" u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali.

Illi l-istess kontejner u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fit-3 ta' Settembru 2010 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti

kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjeta'/entita' intimata (Dok. I) cioe affidavit ta' Shelley Suzanne Duggan, associate general counsel tas-socjeta' Procter & Gamble li l-proprejtari taghha huma l-marki protetti.

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u filfatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez ta' l-istess entita' konvenuta, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 8 ta' Ottubru 2010 (Dok. L).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'erba' mija u tnejn u tletin (432) prodotti tat-tqaxxir, li lkoll ghandhom fuqhom trademarks bl-isem 'Gillette' u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru CMAU 0195695 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress li ma hemmx bzonnha;

4. Tordna lis-socjeta' konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l' ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni

talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-oggetti ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, kif ukoll spejjez ghad-distruzzjoni tal-merkanzija kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. L fl-atti tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta`/entita` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------